**Minuti tal-1 Laqgħa tat tieni-Kumitat Amministrattiv ta' Ħal Farruġ li saret nhar it-Tlieta 4 ta' Marzu 2014 fil-6:30 P.M. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa u spiċċat fil-7.00 P.M.**

Preżenti: il-Membri

| | |
|---|---|
| Ic-Chairperson | Is-Sur. Raymond Saliba |
| Il-Membri | Is-Sur. Kerstin Gatt |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |

**Aġenda**

1. Ħatra tac-Chairperson
2. Diskors tac-Chairperson
3. Ħwejjeġ oħra
4. Aġġornament

## 1. ĦATRA TAC-CHAIRPERSON

1.1 Is-Sur. Saliba avża li kellu jiġi s-Sindku għal laqgħa imma dan infurmah li minħabba impennji oħra ma setax jattendi.

1.2 Is-Sur. Gatt bħala l-membru l-ieħor tal-Kumitat Amministrattiv qabel li jkun hemm is-Sur. Saliba bħala chairperson.

## 2. DISKORS TAC-CHAIRPERSON

2.1 Ma kienx hemm suġġetti taħt dan l-item.

## 3. ĦWEJJEĠ OĦRA

3.1 Is-Segretarju semma li saret stima mill-Perit Daniel Cordina fuq Triq Wied in-Noqor fejn din ġiet tiswa il-fuq minn € 120,000.

3.2 Is-Sur. Saliba saqsa jekk kienx hemm xi progress fuq il-ħajt li kellu jittella' bejn l-Industrial Estate u Ħal Farruġ. Is-Segretarju qal li minn naħa tal-Malta Industrial Parks għad ma kienx hemm risposta. Is-Sur. Saliba issuġġerrixxa biex terġa tintbagħat ittra oħra.

3.3 Ic-chairperson saqsa jekk jistax jsir il-madum li hemm nieqes wara l-kappella. Is-Segretarju qal li se jara x' hemm nieqes ħalli dan issir.

3.4 Is-Sur. Gatt semma li hemm xi dawl maqtugħ fejn hemm ir-rampa li minnha tinżel għal Housing Estate.

3.5 Is-Sur. Saliba saqsa x' kien ġara fuq id-dawl li kellu jsir fi Triq Ħal Farruġ. Is-Segretarju semma li kien twassal dan l-ilment lill-diversi entitajiet fosthom il-Ministeru tal-Enerġija. Huwa qal li se tibqa ssir pressjoni biex ikun hemm soluzzjoni fuq dan l-item.

3.6 Is-Sur. Gatt saqsa jekk tistax issir xi zebra cross fil-bidu ta' Triq Ħal Farruġ. Is-Segretarju qal li din irid ikollha approval mit-Transport Malta.

3.7 Is-Sur. Gatt saqsa jekk in-naħa ta wara l-Express Trailers jistax ikun hemm skema fejn il-vetturi jipparkjaw għal siegħa biss. Is-Segretarju qal li jrid jiċċekkja ma Transport Malta billi dawn l-iskemi kienu ġew sospiżi.

3.8 Is-Sur. Saliba ippropona li issa li ġejja l-festa tal-Vitorja jkun hemm barbeque organiżżat għal din l-okkażżjoni.

3.9 Is-Sur. Saliba semma li għal Ħal Farruġ hemm bżonn li jkun hemm post ta żvog għal dawk il-persuni li mhumiex daqsekk żgħar fl-eta biex huma jkollhom post fejn jistgħu jiltaqgħu u jgħidu kelma. Is-Segretarju semma li post ideali jkun l-art li hemm maġenb Triq il-Vitorja.

3.10 Is-Sur. Saliba saqsa meta se jsir ir-railing li kellu jsir fil-Housing Estate. Is-Segretarju qali li se jkun qed jiċċekkja billi dan suppost kien ordnat.

## 4. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar l-Erbgħa 23 ta' Lulju 2014 fis-6.30. Ma kienx hemm ġurnata proposta għal laqgħa li jmiss.